MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2010

Numru. 1252/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Nikolai Sant ]**

**Vs**

**Nadia Maria Tonna**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Nadia Maria Tonna, ta' dstatax-il sena, imwielda Caracal, Rumanija, bint Giustino u Antonia née Baldacchino, residenti No. 99, 'Gwynnevile', Triq Hal Mula, Zebbug, Malta, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 586290(M).

Akkuzata talli f'dawn il-gzejjer nhar l-24 ta' Ottubru 2009:

Talli ikkomettiet serq ta’ HSBC Quickcash card bin-numru tal-kont 5887000001856449 u HSBC Visa card bin-numru tal-kont 4568821162069137 ghad-detriment ta’ Antonia Bugeja mill-Gharghur liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi hsara lil Antonia Bugeja mill-Gharghur u/jew persuni ohra, ghamlet qligh iehor b’qerq; u

Talli fl-istess data, lok u cikrkostanzi, iffalsifikat il-firma ta’ Antonia Bugeja mill-Gharghur.

Rat il-provi u d-dokumenti pprezentati inkluz, il-kunsens tal-Avukat Generali;
Rat li l-imputata ghaddiet is-somma ta’ sitt mija u sittin Ewro u erbgha u sittin centezmu (€660.64) lill-parte civile;

Rat il-Fedina Penali ta’ l-imputata li hija netta;

Rat l-ammissjoni tal-imputata fi stadju ulterjuri tal-proceduri; u

Semghet ix-xhieda tal-psikjatra tal-imputata Dr. Jean Pierre Giorgio li qal li l-istess ghaddejja kura psikjatrika u hija, minhabba l-patologija li ssofri minnha, jiguha impulsi istantanji li ma tkunx tista’ tikkontrolla, izda li dawn qedghin jigu trattati minnu f’din il-kura psikjatrika.

Ghal dawn il-motivi,

U wara li rat l-Artikoli 261, 268, 309 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:

Ssib lil-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 qed tpoggi lill-imputata Nadia Maria Tonna taht *Probation Order* ghal zmien sentejn.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna notifika lid-Direttur tal-Probation Services.

Tordna wkoll li l-affarijiet li gew issekwestrati u qeghdin esebiti f’dawn l-atti, u li huma mmarkati bhala Dok NS 16 (KA339/09) ghandhom jigu rritornati lill-istess imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------